Minuti tal-laqgħa pubblika tal-lokalità li nżammet nhar is-17 ta' Jannar 2024 fis-6:00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| Skużati: | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |

Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus.

Bdiet ftit tard għaliex il-link tal-live streaming ma bdietx tidher fuq il-paġna tal-facebook tal-Kunsill.

Il-membri qalu talba qasira flimkien.

Is-SE introduċa lis-Sindku filwaqt li rrefera għar-Rapport Amministrattiv li hu maqsum f'żewġ taqsimiet: Xogħlijiet u Attivitajiet.

Is-Sindku tkellem dwar dan ir-rapport:

**Xogħlijiet**

1 Proġett ta' Triq il-Kbira – Infrastruttura Malta

2 Estenzjoni tal-Iskola Primarja - Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada

3 Poġġamani, turġien taż-żonqor u tkomplija ta' embellishment fi Triq Santa Rita

4 Twaħħil ta' fanali Antiki fuq iz-Zuntier tal-Knisja Bażilika ta' San Pawl u pavimentar quddiem is-Sala Dun Karm Lia.

5 Inizjattiva ta' Heritage Malta – Spazju Miftuħ f'Ħal Bajjada

6 Restawr tan-Niċċa ta' San Pawl tas-Saqqajja

7 Restawr fuq l-istatwa ġganteska ta' San Pawl ta' fuq iz-zuntier tal-Bażilika

8 Toroq ġodda minn Infrastruttura Malta fl-inħawi tat-Torri

9 Aktar sigurtà mal-latrina pubblika fi Triq il-Kulleġġ (twaħħil ta' kanċell) u restawr tal-funtana u l-bir fi Triq il-Kulleġġ

10 Xogħlijiet ta' mejnijiet tal-elettriku u kisi mil-ġdid ta' Triq ir-Rebħa

11 Xogħlijiet fuq l-Infrastruttura tat-triq tal-Baħrija mil-Gvern Ċentrali

12 Rikostruzzjoni ta' Ġnien Bir Iljun

13 Xiri ta' Vann tal-Passiġġieri jaħdem bl-elettriku

14 Xogħlijiet ta' rikostruzzjoni, restawr u tisbieħ fil-Binja tal-Kunsill – 8, Triq l-Isptar

15 Rikostruzzjoni ta' Ġnien San Duminku (Interreg)

Attivitajiet

16 Tqassim ta' boroż ta' San Martin fil-festa tiegħu fil-Baħrija

17 L-attività suċċess Rabat Sacrum

18 Inizjattiva favur il-ħajja (viżita mil-blood mobile unit fir-Rabat)

19 Jum ir-Rabat u l-għoti tal-unuri Ġieħ ir-Rabat u Onorefiċenzi

20 L-attività tas-Suq tal-Milied (Natalis Notabilis)

21 L-attivita tat-trenn għat-tfal fil-Milied u tqassim ta' rigali fil-Baħrija u fir-Rabat

22 Viżità f'Tarquinia

23 Sostenn għall-Għaqdiet - lill-Fondazzjoni Paulus

24 Sostenn għall-Artisti Rabtin – Portraits Exhibition minn Joe Genovese

25 Reżistenza għall-iżvilupp fil-Wied ta' Għeriexem u f'Villa Lungisland

26 Tindif ta' Wied il-Lunzjata minn Project Green

Is-Sindku semma' punti oħrajn bħal:

27 Il-Playing Field tal-Baħrija li se ssirilha rikostruzzjoni

28 Il-Pjazza tal-Baħrija ta' quddiem il-Knisja fejn id-dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi se jkun qed jieħu l-inkarigu li jiċċangaha bil-madum.

29 Il-Proġett tal-Pjazza tas-Saqqajja li se nkunu qed nirritornawh lill-pedestrians u mhux jibqa' parkeġġ għall-vetturi

30 Il-proġett tar-Restawr tan-Niċeċ ta' quddiem il-Knisja ta' Santu Wistin, il-Knisja ta' San Franġisk u dik li hija mwaħħla mal-faċċata tal-Knisja Ta' Santa Marija ta' Ġesù

31 It-tkomplija tal-pavimentar taz-zuntier fejn jinħaraq in-nar tal-art permezz tal-involviment tal-Malta Tourism Authority

32 L-inizjattiva tal-għoti tal-kotba lil kull tifel u tifla tal-iskejjel tal-istat kemm fir-Rabat kif ukoll fil-Baħrija fil-Milied

33 Il-proġett tar-rikostruzzjoni tal-Belveder tal-Virtù

34 L-inizjattiva tal-għoti tal-bnadar tar-Rabat lis-Soċjetajiet tal-Banda, politika, sport eċċ

35 It-turiżmu reliġjuż marbut mal-pavimentar tal-isqaqien biex jiffurmaw Heritage Trail

Wara li kienu diskussi dawn is-sitta u għoxrin punt, is-SE introduċa lis-Sur Matthew Chetcuti, il-Viċi Sindku fejn spjega illi kien involut saħanstira fir-rikostruzzjoni tal-Uffiċini (14) fejn qal li insista illi din il-binja tkun aċċessibbli minn barra t-triq sa' fuq nett.

Wara is-Sur Chetcuti, tkellem ukoll is-Sur Chris Farrugia dwar l-iżvilupp tal-Ġnien ta' quddiem il-Knisja ta' San Duminku.

Is-SE tkellem dwar punti oħra:

35 Il-proġett ta' Triq Ġlormu Dingli minn Infrastruttura Malta (fejn preżentement qed isiru l-Condition reports tad-Djar)

36 L-arbli solari li se jitwaħħlu fi Triq tas-Santi

37 It-tkomplija tat-twaħħil tal-Architectural Lighting mal-faċċati tal-Knejjes

38 Il-Web Application marbuta ma siti storiċi

39 It-trinka tal-Korporazzjoni Enemalta biex issaħħaħ id-distribuzzjoni tal-Elettriku fin-Nigret u Ħad Dingli bejn il-Mosta u Ħad-Dingli

40 Il-kapaċità u l-importanza li l-Kunsill Lokali tar-Rabat jottjeni fondi addizzjonali mil-ex Urban Development Fund.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm bis-SE jappella biex kull min għandu xi mistoqsijiet jagħmilhom on line fuq il-paġna tal-facebook jew messaġġ privat.

**(IFFIRMATA)**

Anthony Bonello

Segretarju Eżekuttiv